# Il-Qniepen

**Clive Mallia**



Il-qniepen huma l-leħen tal-knisja biex issejjaħ lill-poplu biex iqim lil Alla. Iżda l-użu tagħhom mhuwiex għalhekk biss. Il-qniepen huma indikazzjoni ta' xi jkun għaddej fil-funzjoni ġewwa l-knisja, bħal ngħidu aħna meta jindaqqu għall-barka sagramentali fejn jindaqqu tliet tokki bil-kbira waqt it-talba u xħin jgħolli l-isfera, il-qniepen jitilqu jindaqqu f'mota u jieqfu jdoqqu xħin is-saċerdot iniżżel l-isfera.



## L-użu tagħhom

Il-qniepen għad għandhom l-użu tagħhom sal-lum iżda qabel kienu ta' aktar importanza fejn għall-bdiewa jew għar-raħħala kienu jindikawlhom li sar il-ħin għal xi ftit mistrieħ u għal xi bukkun meta jindaqqu t-tokki ta' nofsinhar, fejn f'nofsinhar eżatt jindaqqu tnax-il tokk bil-qanpiena l-kbira ta' kull knisja. Dawn it-tokki għadhom jindaqqu sal-lum iżda sfortunata-ment mhux f'kull knisja jew parroċċa.

Fundatur Malti li kien magħruf illi jfondi dawn il-qniepen huwa Ġulju Cauchi. Settijiet ta' qniepen illi nsibu hawn Malta nsibuhom f'dawn il-knejjes: Santa Katarina - Valletta, San Nikola - Valletta u Santa Marija (ta' Mamo Ħaz-Żebbuġ). Iżda nsibu bosta qniepen mifruxin ma' Malta u Għawdex, bħal ngħidu aħna l-qanpiena l-kbira ta' San Gejtanu, il-Ħamrun, il-qanpiena l-kbira tal-knisja ta' San Ġużepp fil-Kalkara u ħafna iktar. Iżda l-akbar qanpiena ta' Ġulju Cauchi nsibuha fil-Kolleġġjata u Santwarju ta' Marija Immakulata ġewwa Bormla, illi tiżen madwar 4 tunnellati bl-isem ta' Marija Concetta.

**Ditti magħrufin**

Fost qniepen magħrufa kemm f'Malta kif ukoll mad-dinja kollha, huma dawk tad-ditta *John Taylor* ġewwa l-Ingilterra. Hawn Malta nsibu bosta bliet u rħula bil-qniepen minm tagħhom. Settijiet mill-isbaħ ta' qniepen illi nsibu fil-gżejjer Maltin huma dawk ta' San Duminku ġewwa l-Belt Valletta, Is-Salvatur ta' Ħal Lija, San Bastjan f'Ħal Qormi, San Nikola ġewwa s-Siġġiewi u bosta oħrajn. L-akbar qanpiena illi nsibu f'Malta hija dik tal-port ġewwa l-Belt Valletta. Fonduta fl-1992 hi tiżen madwar 10 tunnellati.

Id-ditta Barigozzi ta' Milan fl-Italja, fondat bosta settijiet u qniepen għalihom illi nsibu f'Malta u Għawdex. Settijiet illi nsibu f'Malta huma dawk ta' Sant'Andrija f'Ħal Luqa, il-Madonna tal-Abbandunati ġewwa l-Wardija kif ukoll ta' Marija Bambina ġewwa l-Mellieħa u bosta oħrajn. L-akbar qanpiena illi nsibu fil-knejjes Maltin u li ffondat din il-kumpanija hija dik tal-Bażilika u Kolleġġjata ta' Birkirkara li saret fl-1931. Il-qanpiena tiżen madwar 98 qantar. Fil-knisja ċkejkna tal-Wardija kienu minn tal-aħħar qniepen illi fondat din il-kumpanija. Illum din il-fonderija m'għadhiex taħdem, iżda għad hemm il-post f'Milan fejn inħadmu dawn il-qniepen kollha.

Ditta rinomata ma' raħalna, hija dik ta' Paccard. Din id-ditta tinsab ġewwa Franza. Fost qniepen illi nsibu ta' Paccard insibu l-qniepen tal-Ave Maria ġewwa Ħaż-Żabbar illi nġiebu propju fl-2009. L-akbar qanpiena ta' Paccard insibuha fil-knisja ta' Marija Lunzjata ġewwa Ħal Balzan. Din il-qanpiena meqjusa bħala waħda mill-isbaħ qniepen ġewwa l-gżejjer Maltin. Ġewwa raħalna l-wasla tal-qniepen ta' Paccard tmur lura għas-sena 2011, propju fit-13 ta' Novembru kienu tbierku tlett iqniepen żgħar. Dik ta' Ġorgina, l-unika qanpiena f'Malta illi jisimha għall-qaddis Malti San Ġorġ Preca u li tiżen mas-60 kilogramma. Il-qanpiena Maria, ġieħ Ommna Marija u fjur tal-Karmelu Omm l-ordni Karmelitana tiżen madwar 100 kilogramma u il-qanpiena Venera, iddedikata lil Patruna u Predikatriċi ta' raħalna li tiżen madwar 200 kilogramma. Sa dak iż-żmien kien sett ta' tlett iqniepen sakemm propju fl-2017 wieħed mill-benefatturi ta' raħalna, is-Sur Charlie Scerri wera x-xewqa li jħallas żewġt iqniepen oħra, fejn żdiedu ma' dawk li diġa kien hemm. Il-patrijiet Karmelitani aċċettaw din il-proposta u l-inkarigu biex jinġiebu dawn il-qniepen kien f'idejn is-Sur Kenneth Cauchi. Kenneth kien l-istess persuna illi ħa ħsieb li jinġiebu l-qniepen fl-2011. Dawn il-qniepen waslu propju f' raħalna nhar l-14 ta' Novembru 2017, fejn inżammu fil-propjetà tas-Sur Charlie Scerri. Dawn il-qniepen tbierku nhar is-26 ta' Novembru wara l-quddiesa tal-10:00 ta' filgħodu. Il-qniepen il-ġodda bl-isem ta' Elija, iddedikata lill-Patrun tal-Ordni Karmelitana u li tiżen xejn anqas minn 150 kilogramma. Filwaqt illi l-qanpiena

l-kbira bl-isem ta' Kristu Rxoxt, iddedikata għall-akbar festa tal-knisja madwar id-dinja kollha tiżen madwar 400 kilogramma. Għalhekk il-knisja ż-żgħira ta' Santa Venera għandha sett magħluq, u li tista' tgħid wieħed mill-isbaħ settijiet ta' qniepen ġewwa pajjiżna.

### Id-daqq tal-qniepen illum

Il-qniepen ma tridx tkun għaref biex titgħallem idoqqhom, iżda hu żgur li jrid ikollok il-ħin u l-attenzjoni biex iddoqq. Jekk tinsa jew ma tlaħħaqx iddoqq ċertu daqq, dan ma jindaqqx aktar tard għax ma tkunx qiegħed timxi mal-funzjoni. Dan minħabba li l-qniepen jindaqqu biss meta tkun għaddejja xi ħaġa fil-knisja kemm qabel, waqt u anki wara l-funzjoni. Sfortunatament ma tantx għadek issib nies lesti jiġu jdoqqu l-qniepen, u tkun uġigħ ta' ras biex issib nies biex jiġu jdoqqu. Huwa importanti illi rrawmu aktar tfal u żgħażagħ jitgħallmu jdoqqu u jifhmu wkoll is-sens tad-daqq tal-qniepen.

Il-qniepen forsi għal xi wħud huma ta' storbju fil-vojt, iżda li hu żgur hu wara kull tokk li jindaqq hemm raġuni. Mela int li qiegħed taqra dan l-artiklu, ftakar li hemm nies li jissagrifikaw ruhom fix-xemx, fix-xita, fir-riħ u fil-bard biex int tisma' dawn il-qniepen jindaqqu. Il-Festa t-tajba lill-Vendriżi kollha u Viva dejjem il-Patruna tagħna Santa Venera Verġni u Martri!


**Cremona**
**Meat Products**
*Butcher Shop*

**Cremona Meat Products**
**Lord Byron Street, Ħamrun**

**Tel: 2122 4464 Mob: 9947 3373**
**Email: bon@maltanet.net**